MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1681/2002

**Carmel sive Charles Bianco f' ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Rita Zarb**

## It-Tribunal

Wara li t-talba ghall-kundanna tal-konvenuta ghall- hlas ta' (Lm961.60c) disgha mija u wiehed u sittin lira Maltin u sittin centezmi rappesentanti kambjalijiet mahruga fit- 8 ta' Jannar, 2000 minn Rita Zarb favur Carmel sive Charles Bianco ta' C.Bianco Co.Ltd ghall-ammont ta' Lm60.10c kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenuta naqset li thallas sittax-il kambjala ta' Lm 60.10c kull wiehed li mmaturaw fit- 30 ta' kull xahar bejn Lulju 2000 u Jannar 2002.

Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa Lm 961.60c (disgha mija u wiehed u sittin lira Maltin u sittin centezmi)

minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma prezentatx risposta.

Sema' lil John Sultana in rappresentanza tal-atturi jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet u jikkundanna lill- konvenuta biex thallas is-somma ta' disa' mija u wiehed u sittin Lira Maltija  u sittin centezmu (Lm961.60) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------